**ALTERNATTIVA DEMOKRATIKA**

**PROPOSTI DWAR IL-MOBILITÀ SOSTENIBBLI**

Settembru 2015

**Il-tnaqqis fit-traffiku, lil hinn mill-iskejjel: kwalita' ta' ħajja aħjar għal kulħadd**

Ralph Cassar - Carmel Cacopardo

**Introduzzjoni**

Għalkemm dan ir-rapport qasir qed jinkiteb bħala l-kontribut ta' Alternattiva Demokratika għad-diskussjoni dwar il-*White Paper 'School Opening Hours and Traffic Congestion'* ikun żball li naħsbu li l-konġestjoni tat-traffiku hi kkawżata mill-iskejjel biss. L-iskejjel jagħtu l-kontribut tagħhom għall-problema, prinċipalment minħabba li l-ħin li fih jibdew l-iskejjel huwa ukoll il-ħin li fih bosta jkun sejrin għax-xogħol filgħodu. Il-problema hi ferm ikbar u għandha l-għeruq tagħha f'deċiżjonijiet ħżiena li taw preċedenza lil prattiċi ta' trasport ineffiċjenti tul is-snin. Ħafna skejjel diġa jiftħu l-bibien tagħhom kmieni. M'hemmx lok li jiftħu iktar kmieni : fi x'ħin irriduhom iqumu it-tfal filgħodu?

AD tħares lejn il-problema tat-traffiku minn lenti li tiftaħ beraħ – bl-għan aħħari ta' sistemi ta' mobilita' sostenibbli, li jnaqqsu t-tniġġis u jwasslu għal kwalita' ta' ħajja aħjar.

Il-problemi l-vera riżultat tan-nuqqas ta' azzjoni tul is-snin dwar il-konġestjoni mit-traffiku, huma:

- n-nuqqas ta' spazji miftuħa għan-nies fl-ibliet u l-irħula;
- ż-żieda fit-tniġġis tal-arja u l-mard respiratorju marbuta miegħu;
- kif ukoll id-degrad urban f'żoni bħall-Pieta', l-Ħamrun, l-Imsida, Raħal Ġdid, l-Fgura u l-Marsa.

Dan kollu wasalna għalih minħabba nuqqas ta' ppjanar fit-tul kif ukoll l-idea ta' dawk li suppost mexxew dan il-qasam. Għalihom s-soluzzjonijiet kienu (u għadhom) il-bini ta' toroq ġodda u ż-żieda ta' parkeġġi f'żoni mifqugħa bit-traffiku. L-effetti kienu fil-fatt l-oppost ta' dak ippjanat: aktar u aktar traffiku.

Deċiżjonijiet oħra li komplew iżidu l-problema huma t-tneħħija tal-vened tat-trasport pubbliku u l-attitudni negattiva lejn mezzi alternattivi ta' trasport bħar-roti elettriċi; il-permessi ta' żvilupp lil xi skejjel biex jinbnew f'nofs il-kampanja; żoni industrijali li mhux moqdijin tajjeb mit-trasport pubbliku, b'min jimpjega jippretendi li l-impjegati jaslu x-xogħol bil-karozzi privati tagħhom; u nuqqas ta' infurzar tar-regoli tal-veloċita' li ma jgħinx biex iħajjar l-użu tar-roti jew muturi żgħar bħala mezz ta' trasport, u wisq anqas biex it-tfal jitħallew jimxu lejn l-iskejjel fil-lokalità tagħhom stess.

Il-politika dwar it-trasport, jekk teżisti, għadha qed tinkiteb mill-viżjoni ta' xi ħadd wara l-i*steering wheel*. L-idea ġenerali għadha li l-prijorità għandha tkun li kulħadd, f'kull ħin u f'kull mument għandu

jkun jista’ jsuq ‘l fejn irid, meta jrid, kif irid u malajr kemm jista’ jkun, bl-ebda konsiderazzjoni oħra bħall-piżijiet fuq is-soċjetà f’termini ta’ saħħa, tniġġis, u l-kwalità tal-ħajja.

Għaldaqstant, dan il-kontribut ta’ Alternattiva Demokratika, jinkludi proposti kemm relatati mal-iskejjel iżda wkoll dwar il-mobilità sostenibbli in ġenerali. Huwa biss b’politika olistika u b’miri ċari li nistgħu naraw titjib fil-mobilità sostenibbli. Diversi proposti ilhom isiru minn Alternattiva Demokratika, permezz ta’ artikli mill-esponenti ewlenin tal-partit u fil-programmi elettorali tagħha tul is-snin, fost oħrajn. Proposti oħra, li Gvern wara ieħor injora, saru fl-istrateġija nazzjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli ( ‘*A sustainable development strategy for the Maltese islands 2007-2016*’) li ilha lesta s-snin iżda baqgħet fuq l-ixkaffa tiġbor it-trab.

**Il-Proposti tagħna**

- Fiż-żoni madwar l-iskejjel tgħidilna l-*White Paper* tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, hemm ħtieġa li t-toroq li minnhom jgħaddu bil-mixi l-istudenti fi triqithom lejn l-iskola jkunu taħt superviżjoni (*organisation of supervised walking routes in localities*). Dan hu suġġeriment validu ħafna u jfisser emfasi ikbar fuq il-ħtieġa li nnaqqsu l-perikli mit-toroq tagħna fil-lokalitajiet. Sal-lum forsi jkun hemm pulizija ħdejn l-iskola li jżomm il-karozzi milli joqorbu ż-żejjed. Din il-proposta li ż-żona protetta tinfirex lil hinn mill-iskola hi waħda tajba għax twassal il-protezzjoni mill-iskejjel saż-żoni residenzjali. Rottot siguri jew sistema li tissejjaħ *walking bus* – jiġifieri li jkun hemm postijiet fejn t-tfal jistennew għall-mixja lejn l-iskola taħt supervizzjoni hija fattibbli speċjalment għall-iskejjel primarji tal-lokalitajiet. Importanti li l-Kunsilli Lokali jingħataw ir-riżorsi biex flimkien mal-iskejjel jorganizzaw sistemi bħal dawn.
- Is-sistema tat-trasport pubbliku mhux qed tlaħħaq mad-domanda fis-siegħat ta' filgħodu. Huwa essenzjali li bejn is-sitta u d-disgħa ta' filgħodu l-frekwenza tal-vjaġġi li jwasslu lill-ħaddiema u anke lill-istudenti ta' skejjel sekondarji u post-sekondarji lejn il-postijiet tax-xogħol u l-iskejjel tiżdied sew. Vjaġġi kull nofs siegħa filgħodu minn ħafna bliet u rħula jfissru li jekk xi ħadd jitlef vjaġġ ikollu jistenna wisq bil-konsegwenza li jasal tard fid-destinazzjoni. Hemm bżonn ukoll li f'ċerti ħinijiet tkun introdotta s-sitema tal-vened – fejn dak li jkun jkollu l-garanzija li f'post ċentrali fil-lokalita' jkun hemm karozza tal-linja li titlaq f'ħin fiss.
- Il-Gvern żgur għandu l-informazzjoni kollha neċessarja biex jagħmel studju tal-lokalitajiet fejn l-aktar li jaħdmu n-nies u ovvjament fejn joqgħodu u għalhekk liema huma l-aktar vjaġġi frekwenti li jsiru fir-*rush hour*. Din l-informazzjoni tista' tintuża biex tara jekk hemmx bżonn vjaġġi diretti mingħajr ħafna waqfien bejn ċerti lokalitajiet.
- Sfortunatament diversi postijiet tax-xogħol, per eżempju fiż-żoni industrijali, mhux milħuqa faċilment mit-trasport pubbliku. Wasal iż-żmien li l-Gvern jiddiskuti mal-inkwilini tal-fabbriki taż-żoni industrijali l-organizazzjoni ta' trasport minn u lejn dawn iż-żoni.
- Skemi bħal *car sharing* u anke *cycle to work* għandhom jiġu implimentati flimkien ma' min jimpjega, speċjalment dawk il-postijiet tax-xogħol b'ħafna impjegati.
- Skemi park-and-ride u skemi fejn karozzi li jġorru 3 persuni jew aktar jingħataw prijorita' fil-parkeġġi għandhom jiġu implimentati minnufih.
- Il-bżonn ta' reġistrazzjoni ta' roti elettriċi ta' 250W jew anqas (magħrufin bħala *pedelecs* jew *power assisted bicycles*) għandu jitneħħa immedjatament. Mhux talli hekk talli għandhom jiddaħħlu skemi li jinċentivaw ix-xiri u l-użu tar-roti – kemm elettriċi u anke dawk konvenzjonali.
- Is-soluzzjoni finta għat-traffiku fil-Belt Valletta u l-Furjana bil-ħolqien ta' aktar parkeġġ, bid-dgħajfien tas-sistema CVA, u l-bini ta' parkeġġ fil-foss tal-Belt fil-fatt żied it-traffiku lejn il-Belt Valletta li suppost hu wieħed mill-postijiet fejn suppost huwa l-aktar faċli tasal bit-trasport pubbliku. Il-fatt hu li min jimpjega l-aktar nies fl-inħawi tal-Belt Valletta huwa fil-fatt il-Gvern. Biex juri kemm verament irid inaqqas it-traffiku, l-Gvern għandu jiżgura li l-impjegati tiegħu stess jużaw t-trasport pubbliku lejn il-postijiet tax-xogħol tagħhom. Jekk iridhom jaslu fil-ħin, għandu jara li s-sistema taħdem sew, speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħodu u ta' meta l-impjegati jitilqu mix-xogħol.
- Għandhom jiġu skartati proġetti li jħajjru l-użu tal-karozza privata u li jkomplu jiġbdu l-karozzi lejn żoni diġa mimlijin bit-traffiku. Parkeġġi fil-Belt, f'nofs il-Mosta, dak propost għal Bormla u oħrajn huma kollha bżar fl-għajnejn u ħela ta' riżorsi pubbliċi, u jwasslu għal aktar konġestjoni.

- Post li jixhed tajjeb il-qerda li jġib miegħu traffiku żejjed huwa l-iMsida, wieħed mill-aktar postijiet bl-arja mniġġsa f'Malta. B'mod immedjat, u biex il-komunita' tal-iMsida terġa tieħu r-ruħ ċ-ċentru tal-iMsida għandu jsir *low-* jew *zero-emmissions zone*. Hemm diversi modi kif dan isir, bħal aċċess biss għat-trasport pubbliku u mezzi nodfa ta' trasport u trasport bil-baħar, jew inkella *congestion charge* – bid-dħul imur biex jiffinanzja t-tħaddim ta' sistemi ta' trasport pubbliku.
- L-aċċess għall-postijiet ta' madwar il-kosta minn San Pawl il-Baħar sal-Kottonera, L-iMsida, l-Gżira, Tas-Sliema, l-Belt u Marsaskala b'trasport pubbliku bil-baħar għandu jiġi kkunsidrat immedjatament. Dan flimkien ma miżuri oħra msemmija aktar 'l fuq għandu jwassal, biex jiżdiedu ż-żoni pedestrijanizzati u l-ispazju għar-roti elettriċi, roti u muturi żgħar fit-toroq.
- Sistema nazzjonali ta' *bicycle lanes* – rottot siguri għar-roti għandha tiġi ippjanata u implimentata mingħajr dewmien.
- Sistema nazzjonali ta' trasport għall-iskejjel kollha għandha tiġi kkunsidrata serjament. Għaldaqstant, r-rakkomandazzjoni tal-*White Paper* f'dan is-sens għandha tibda tiġi ppjanata minnufih. Ma' dan għandu jiġi żgurat li r-rotot tat-trasport pubbliku regolari li jgħaddu minn viċin l-iskejjel sekondarji u post-sekondarji jaħdmu b'mod frekwenti.

Hemm diversi proposti oħra li jistgħu jsiru. Sar diskors dwar *monorail.* Filwaqt li l-proposta hija interessanti, hemm diversi miżuri oħra li għandhom isiru issa u fil-*medium term*, li jekk isiru bis-serjeta' jistgħu iwasslu għal titjib fil-kwalita' tal-arja u fil-kwalità tal-ħajja tagħna.

Fl-aħħar hawn taħt qed nirriproduċu silta mir-rakkomandazzjonijiet magħmula fl-istrateġija nazzjonali ta' żvilupp sostenibbli li għadha fuq l-ixkaffa (*A sustainable development strategy for the Maltese islands 2007-2016).* Qed nirriproduċu kelma b'kelma dis-silta bħala appell biex mill-paroli l-Gvern jgħaddi għall-azzjoni.

Rapporti u rakkomandazzjonijiet saru, l-problema kienet u milli jidher għadha n-nuqqas ta' rieda politika li l-problema tal-konġestjoni tat-traffiku – li fuq kollox hija problema ta' saħħa pubblika – tingħeleb. Biex tingħeleb hemm bżonn deċiżjonijiet kuraġġjużi, li ħadd s'issa ma ttanta jieħu.

*A sustainable development strategy for the Maltese islands 2007-2016*

Main strategic directions with regard to transport:

• Reduce car ownership rates to the EU average by 2014 and Regain the 1995 bus patronage levels (40 million passengers) by 2014.

• Upgrade public transport and promote its use.

• Devise methods to reduce over-dependence on private car use and the need to travel, and to encourage more use of public transport, and adopt a car restraint policy to restrict cars in town centres where the impact of traffic and congestion is greatest.

• Promote more efficient use of parking, introducing maximum parking standards for new developments, especially in employment areas.

• Enhance enforcement and use the latest technology and appropriate penalties to ensure that offenders do not hinder the strategy.

• Carry out a detailed study on commuting in Malta to establish critical routes and peak times of traffic and to develop alternative transport alternatives.

• Adopt a road safety strategy to decrease injuries and fatalities on the roads.

• Ensure that air transport development is sustained in such a manner that recognises its linkages to local economic and social development are recognised.

• In the longer term, consider the creation of a national form of fast inland transport that represents an attractive and cost-effective alternative to private car use.

• Integrate transport policy with other policy areas such as social issues, tourism, employment, health and environmental policies.

• Organise an educational campaign that informs citizens about the impact of unsustainable transport and about what can be done to promote transport sustainability.